# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 696/01mm**

**Information Systems Ltd**

**vs**

**D'Elena Decor Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tnax-il lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm1,712.15) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi u prodotti mibjugha lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici kif ukoll

imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv kif jidhru fl-anness prospett immarkat bhala “Dok A”.

Bl-ispejjez,  komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-5 ta’ Mejju, 2001, (Dok B) kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-15 ta’ Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.